# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Numru: 37/2021 MH**

**Illum7 ta' Lulju, 2021**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1158/2020 fl-ismijiet:**

**Eurodesign Limited (C-83593)**

**vs**

**Giovane Holdings Limited (C-12222)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-soċjeta' sekwestrata Giovane Holdings Limited tat-18 ta' Jannar 2021** permezz ta' liema talbet lill-Qorti –

(a) Tirrevoka, tħassar u tikkanċella l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1158/2020 ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) (d) (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Tikkundanna lis-soċjeta' sekwestranta sabiex tħallas lis-soċjeta' esponenti penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u dan ai termini tal-artikolu 836(8) (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ċ) Fin-nuqqas li tilqa' t-tieni u/jew it-tielet talba, tikkundanna lis-soċjeta' sekwestranta sabiex ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddepożita fi żmien qasir u perentorju stabbilit minnha, garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u fin-nuqqas li tagħmel dan tħassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1158/2020.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat **ir-risposta tas-soċjeta' sekwestranta Eurodesign Limited tal-4 ta' Ġunju 2021** permezz ta' liema ssottomettiet li din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1158/2020 **biss** a bażi tal-artikolu 836 (1) (ċ) u/jew (f) tal-Kap 12 stante li fil-fehma tagħha l-garanzija alternattiva offruta mis-sekwestrata rikorrenti hija suffiċjenti u adegwata sabiex tissostitwixxi l-kawtela fornita mill-mandat in kwistjoni. Madankollu l-istess soċjeta' talbet lill-Qorti sabiex tiċħad il-bqija tat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti sekwestrata.

Rat id-dokumenti preżentati mar-risposta.

Rat li r-rikors tħalla għad-digriet kamerali.

Rat l-atti tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjeta' rikorrenti sekwestrata qegħda titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1158/20 a bażi ta' **l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Fil-każ **Carmel sive Charles Borg vs Christian George Grech deċiż fis-7 ta' Mejju 2020** il-Qorti elenkat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw dan l-artikolu -

*"Art 836 Kap. 12 - Proċedura Straordinarja.*

*Fi proċeduri bħal dawk odjerni istitwiti bis-saħħa tal-Artikolu 836 tal-Kap.12 il-Qorti ma titrattax il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet iżda hija marbuta li timxi strettament ma' dak li jipprovdi tassattivament l-imsemmi artikolu. Il-proċedura hekk stabbilita hija waħda ta' natura straordinarja intiża sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urġenza u fl-aqsar żmien possibbli. Huwa għalhekk li l-proċedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-proċedura solenni tal-kawżi fil-mertu tant li l-Qorti għandha l-fakolta' li titratta talbiet simili għar-revoka in parte jew in toto ta' mandat kawtelatorju mingħajr il-ħtieġa li tappunta seduta għal smiegħ viva voce. L-emfasi huwa l-urġenza u s-smiegħ spedit.*

*In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet* ***DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd1*** *, fejn ġie stabbilit illi:*

*"... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836*

*għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* **Camilleri vs Gové et,** *deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

*Fuq l-istess binarju hija d-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet* **Gaetano Abdilla et vs. Charles Bianco et**, *fejn il-Qorti stabbiliet illi:*

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide* **Vincent Mercieca vs. George Galea**, *29 ta' Novembru, 2011, u* **Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited,** *tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

Speċifikatament is-soċjeta' rikorrenti tistrieħ fuq is-**sub-artikolu (1) (ċ) (d) (e) u (f) tal-Att** li jipprovdu hekk -

*"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors*

*lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(.....)*

*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-attkawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor,jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

**Fir-rigward tas-subparagrafu (ċ) tal-artikolu** il-Qorti qalet hekk fil-każ **Joseph Tabone vs Capece Construction Ltd degretat fl-14 t'Awissu 2013 -**

*"Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;*

*Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-*

*parti eżekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant;"*

**Is-<u>subparagrafu (e) tal-artikolu</u>** jorbot miegħu in kwantu jkun hemm lok għar-revoka tal-mandat jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-garanzija mogħtija tkun sufficjenti.

**<u>Fir-rigward tas-sub-paragrafu (d) tal-artikolu</u>** fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju numru 671/2019 fl-ismijiet **Eighty Two Company Limited u Matthew Farrugia vs Carmelo Stivala Group Limited deċiżi fl-14 t'Ottubru 2019 -**

*"Fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Lulju 2005 fil-proċediment "Galea vs Stewart" ingħad hekk dwar din id-disposizzjoni :- "Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`għajn bħala wieħed magħmul b`mod azzardat.*

*(ara wkoll :- PA : 5 ta` Settembru 2008 : "Casino-For-Me Limited u Chartwell Games (Malta) Limited" ; PA : 4 ta` Frar 2016 : Steven Pace et vs. Paul Camilleri et ; u PA : 13 ta` Awissu 2013 : "Carmel Debono et vs Paul u Demanuele et")."*

Imbagħad il-Qorti qalet hekk fil-proċeduri Rik Nru 838/17 wara l-Mandat ta` Sekwestru Nru 40/17 fl-ismijiet **John Cortis vs Mark Anthony Portelli deċiżi fit-30 t'Ottubru 2017 -**

*"<u>Il-paragrafu (1)(d)</u>*

*Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok għat-tħassir ta` l-Mandat fil-każ illi jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv.*

*Riferibbilment għal din id-disposizzjoni, fil-każ "**Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited**" ingħad fil-5 ta` Settembru 2008 illi l-portata*

*ta` d-disposizzjoni hija fis-sens illi l-eżami li jkun irid isir huwa jekk l-eżekutant għandux bażi prima facie li ssostni l-pretensjoni tiegħu ("fumus juris").*

*Fil-provvediment li ngħata fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rik Nru 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet :* ***Steven Pace et vs. Paul Camilleri et*** *ingħad hekk :-*

*"Illi l-istess artiklu indikat fil-paragrafu preċedenti jiddisponi li tali mandat kawtelatorju bħal dak in diżamina fil-proċedura odjerna jista` jiġi revokat kemm il-darba l-ammont mitlub mis-sekwestranti li jkun hekk sekwestrat ma jkunx prima facie ġustifikat jew eċċessiv;*

*6.2. Illi f`dan ir-rigward l-istess Prim` Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Galea vs. Stewart*** *datata d-29 ta` Lulju, 2005, issostni s-segwenti:*

*"Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta` Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t`għajn li r-rikorrenti eżekutant għandu bażi ta` pretensjoni, (dak li f`oqsma oħra ta` dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f`somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m`għandu qatt jinsa f`dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m`għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b`leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f`att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t`għajn bħala wieħed magħmul b`mod azzardat";*

*Fil-provvediment li ngħata fit-13 ta` Awissu 2013 b`riferenza għall-Mandat ta` Sekwestru Nru. 1378/2012 fl-ismijiet : "**Carmel Debono et vs Paul u Demanuele et**" ingħad hekk :-*

*"Fil-provvediment tagħha tad-29 ta` Lulju 2005 fil-proċediment Rikors Nru. 336/2005 din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk –*

*Wieħed m`għandu qatt jinsa li f`dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m`għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b`leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta` ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f`dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontro-talba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa` jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru. (ara wkoll : PA. RCP. 10 ta` Mejju 2001. "**Camilleri et vs Gove` et**" u PA. RCP. 7 ta` Frar 2001. "**Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd**")."*

**<u>Fir-rigward tas-subparagrafi (f) tal-artikolu</u>** in eżami l-Qorti kompliet tgħid hekk fil-każ ċitat **Georgina Grima et vs Knightsbridge Development Limited**–

*"Illi fir-rigward tal-artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12 fuq riprodott issir referenza għall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **L- Avukat Adrian Delia nomine vs. European Insurance Group Limited**, datat l-**4 ta' Frar, 2013**, li fir-rigward stabbiliet li:*

*"Fi kliem ieħor taħt dan is-subinċiż, (artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12), Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soġġett għar-revoka fejn:*

*"i. Ċirkostanzi ma jkunux raġonevoli;*
*"ii. L-Mandat ma jkunx aktar neċessarju; jew*
*"iii. M'huwiex aktar ġustifikabbli";*

*Illi fil-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **Rita Agius vs. Nutar Joseph Vassallo Agius** datat id-**19 ta' Settembru, 2013**, ġie spjegat fir-rigward is-segwenti:*

*"Allura, fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni ta' jekk hu raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk hux meħtieġ jew ġustifikabbli li tali mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimati eżekutanti;*

*"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fil-21 ta' Lulju 2020 is-soċjeta' rikorrenti talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 765/20 kontra l-intimati fil-proċeduri odjerni u dan in kawtela tas-somma ta' €97,675 oltre danni, liema somma hi naxxenti minn ftehim ta' lokazzjoni tas-26 t'Ottubru 2018;

ii. Kontestwalment ma' dak il-Mandat is-soċjeta' rikorrenti ntavolat kawża l-Qorti għall-ħlas tal-ammont kawtelat Rik Ġur 484/20;

iii. Fil-31 t'Awissu 2020 is-soċjeta' ntimata ntavolat risposta ġuramentata b'kontro-talba għall-kawża msemmija. Permezz tal-kontro-talba hija talbet lill-Qorti sabiex tillikwida d-danni allegatament minnha sofferti u li jikkonsistu fil-

qliegħ li altrimenti kienet tiġġenera kieku kellha l-opportunit' li tiġġestixxi l-ħanut kif kien intiż minnha li tagħmel;

iv. Ukoll fil-31 t'Awissu 2020 Vera Sant Fournier (direttriċi u azzjonista unika tas-soċjeta' Eurodesign Ltd) talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1158/2020 fl-ismijiet *Eurodesign Ltd vs Giovane Holdings Ltd* in kawtela tas-somma ta' €120,000 bil-kawżali tkun *"danni kaġunati lis-soċjeta' rikorrenti skont kif dedott fil-kontro-talba fil-kawża numru 484/20MH fl-ismijiet Giovane Holdings Limited (C12222) vs Eurodesign Limitd (C83593) u Vera Sant Fournier (K.I. 9685G)"*;

v. Permezz ta' ċedola ta' depożitu Nru 1375/2020 ġew depożitati l-ammont ta' €70,323.80 għan-nom tas-soċjeta' sekwestrata.

**Ikkunsidrat:**

***L-ewwel talba: Revoka, tħassir u kanċellament tal-Mandat Nru 1158/2020***

Is-soċjeta' rikorrenti titlob ir-revoka tal-Mandat in kwistjoni a bażi tal-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12 stante li fil-fehma tagħha l-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru 1158/2020 mhuwhiex *prima facie* ġustifikat u/jew huwa eċċessiv. Din is-soċjeta' targumenta li ma tistax tifhem kif is-soċjeta' sekwestranta waslet biex tikkwantifika u tikkomputa d-danni allegatament sofferti meta hija baqgħet topera fin-negozju tagħha fil-fond in kwistjoni qabel ma' unilateralment iddeċidiet li tivvaka l-fond u tikkonsenja ċ-ċwievet fil-perjodu 'di fermo' tal-kirja.

Dawn l-argumenti sabu oppożizzjoni ferma mis-soċjeta' ntimata. Hija mhux biss ċaħdet li l-mandat in kwistjoni ħareġ bħala reazzjoni għall-mandat t'inibizzjoni

ottjenut mis-soċjeta' sekwestrata iżda saħqet li *ictu oculi* l-ammont kawtelat la huwa frivolu u lanqas esaġerat. Sostniet ukoll li l-ammont ta' danni attwalment soffert minnha addirittura jeċċedi l-ammont kawtelat fil-Mandat ta' Sekwestru u li hi mxiet bi prudenza biex waslet għall-figura msemmija fil-Mandat.

Fuq skorta tal-ġurisprudenza suċċitata l-Qorti tissottolinea li l-kompitu tagħha fil-proċeduri odjerni mhuwhiex li tidħol fil-fond fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet stante li dak l-eżami jispetta lill-Qorti fil-kawża appożita.

Ferm il-premess il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dettalji mogħtija mis-soċjeta' ntimata dwar id-danni reklamati minnha fil-kontro-talba kif ukoll tad-dokumentazzjoni kollha relatata u esibita mis-soċjeta' intimata sekwestranti. Tqis fiċ-ċirkustanzi li fuq livell *prima facie* dawn issodisfaw lill-Qorti li l-ammont minnha kawtelat fil-mandat impunjat ġie ssostanzjat.

**It-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12 sejra għaldaqstant tiġi respinta.**

Fir-rigward tat-talba għar-revoka tal-Mandat ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) u (f) tal-Kap 12 il-Qorti tinnota li s-soċjeta' rikorrenti qegħda toffri l-fond bl-indirizz 18, Cathedral Street, Sliema, proprjeta' tagħha bħala garanzija adegwata sabiex tkopri l-pretensjoni tas-soċjeta' sekwestranta.

Il-Qorti rat il-kuntratt t'akkwist tal-fond imsemmi ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti kif ukoll l-istima tal-perit Bernard Formosa li vvaluta l-fond imsemmi għas-somma ta' €225,000 fis-suq miftuħ. Rat ukoll iċ-ċertifikazzjoni tan-nutar Spiteri Maempel permezz ta' liema ddikjara li l-fond għadu proprjeta' ta' l-istess kumpanija.

Il-Qorti rat ukoll li s-soċjeta' ntimata, wara li evalwat id-dokumentazzjoni esibita fir-rigward ta' dan il-fond (u li hija saħqet li qatt qabel ma kienu nġiebu a konoxxenza tagħha), iddikjarat li tali proprjeta' setgħet isservi bħala garanzija suffiċjenti stante li tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha. Konsegwentement hija ma oġġezzjonatx għat-talba għar-revoka tal-Mandat limitatament ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) u/jew (f).

**Il-Qorti wara li qieset dan kollu hija sodisfatta li hemm lok li tintlaqa' t-talba għar-revoka tal-Mandat a bażi tas-sub-paragrafi msemmija u ċioe' l-artikolu 836 (1) (ċ) u (f).**

***It-tieni talba: Kundanna għall-ħlas tal-penali***

Is-soċjeta' sekwestrata titlob ukoll lill-Qorti sabiex timponi fuq is-soċjeta' sekwestranta l-ħlas ta' **penali skont l-artikolu 836 (8) (ċ) tal-Kap 12** li jipprovdi hekk –

*"Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*

*(......)*

*(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;"*

Ingħad hekk dwar din id-dispożizzjoni tal-liġi fil-proċeduri fl-ismijiet **Philip sive Pinu Azzopardi vs Rosina Cassar et deċiżi fit-8 t'April 2020 -**

*"Il-liġi tagħti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponiex penali kontra l-persuna li tkun ippreżentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun ġie ppreżentat l-att kawtelatorju, u dan fl-erba' każijiet indikati f'paragrafi (a) sa (d) tal-istess sub-artikolu. In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Awissu 2018 "Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1508/02 fl-ismijiet:* ***Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd*** *(Rik Nru 77/18 JRM) fejn intqal hekk dwar dan is-sub-artikolu:-*

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mill-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. [...] Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-ligi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż; "*

*Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2004 (Appell Ċivili Numru. 13/2002/3) "****Wara l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 86/98 fl-ismijiet: Lawrence Tabone pro. et. noe. v. Raymond Tabone****" intqal kif ġej:-*

*"Huwa paċifiku li, minkejja li l-liġi tal-proċedura tispeċifika kjarament liema huma dawk il-każi li fihom għandha tapplika s-sanzjoni ta' imposizzjoni ta' penali, il-poter vestit fil-Qorti jibqa' dejjem wieħed ta' natura diskrezzjonali. Fi kliem ieħor, il-Qorti m'hijiex obbligata li bilfors u f'kull każ li jkun, timponi penali u dan għaliex il-liġi tgħid biss li "Il-Qorti tista'…." (sottolinear tal-Qorti) u mhux "għandha".*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti wara li rat l-atti hija tal-fehma li m'għandhiex takkorda l-penali mitluba. *Ictu oculi* s-soċjeta' rikorrenti ma

rnexxilhiex turi a sodisfazzjon tal-Qorti li ċ-ċirkustanzi tagħha kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u dwar il-kapacità finanzjarja tagħha li tħallas it-talbiet tas-soċjeta' sekwestranti.

Inoltre hija attendibbli d-dikjarazzjoni tas-soċjeta' sekwestranti fir-risposta tagħha li hija ma kinitx f'qagħda li tiżen jew tikkonstata s-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjeta' sekwestrata għax din ma kinitx magħrufa minnha u li l-uniku mod kif setgħet tiġi a konjizzjoni ta' dan kien permezz ta' verifiki u riċerki estensivi bi spejjeż konsiderevoli. Lanqas ma tressqet xi prova da parti tas-soċjeta' rikorrenti li turi mqar fuq livell *prima facie* li s-soċjeta' sekwestranti kellha għarfien tal-qagħda finanzjarja tagħha.

**Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti sejra tiċħad it-talba għall-ħlas tal-penali ai termini tal-artikolu 836 (8) (ċ) tal-Kap 12.**

**Inoltre, peress li sejra tintlaqa' l-ewwel talba limitatament kif fuq ingħad, il-Qorti sejra tirrespinġi t-tielet talba tas-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap 12 dwar id-depożitu ta' garanzija xierqa mis-soċjeta' sekwestranti.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti billi tirrevoka, tħassar u tikkanċella l-Mandat ta' Sekwestru Nru 1158/2020 ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-fond bl-indirizz 18, Cathedral Street, Sliema, proprjeta' tal-istess soċjeta' rikorrenti huwa meqjus bħala garanzija adegwata sabiex tkopri l-pretensjonijiet tas-soċjeta' sekwestranta;**

**2. Tiċħad il-bqija tat-talbiet;**

**3. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom ikunu riservati għas-sentenza finali fil-kawża dwar il-mertu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**